**28 ta' Frar, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Zammit

*versus*

George Borg et.

**Kompetenza Kummerċjali — Żewġ Konvenuti Art. 4a 5 (a) tal-Kodiċi Kummerċjali — Art. 37 (3) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 775 (a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Meta l-konvenuti jkunu tnejn, l-kompetenza tiġi determinata mill'oġġettività' ta' l-azzjoni ta' min prima facie kien jidher li jkkuntratta.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni presentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; — talab li l-konvenuti, flimkien jew minn minnhom jiġu kkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' wieħed u sebgħin lira, ħames xelini u nofs (£71. 5. 6) lilu dovuta bħala prezz ta' katusi żebgħa u oġġetti oħra kif jidher fil-prospett anness maċ-ċitazzjoni lilhom mibju-

għa u kkonsenjati mil-attur — bl-imgħaxijiet, bl-ispejjeż kompirizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Ġunju, 1963.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokument minnu esibit;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Simiana li biha qal li huwa qatt ma ordna u xtara l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni mingħand l-attur u għalhekk it-talba attriċi in kwantu hija diretta kontra tiegħu għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fuq imsemmi u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Borg li biha qal li preliminarment dina l-Qorti hija inkompetenti stanti li l-konvenuti huma t-tnejn kommerċjanti; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fuq imsemmi u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina tal-22 ta' Jannar 1964 li minnha jidher li dika l-ewwel Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti li taqta dina l-kawża "ratione materiae", sollevata mill-konvenut Borg bl-ispejjeż għall-attur wara li kkunsidrat:—

Li l-konvenut Borg eċċepixxa l-inkompetenza "ratione materiae" ta' dina *l-Qorti, u fix-xhieda tiegħu li ta' fis*-seduta tat-18 ta' *Jannar*, 1964, tar-raġunijiet li fuqhom qiegħed *jibbaża dina* l-eċċezzjoni, *fosthom li jintraprendi* xogħol ta' *tibjid*, iħaddem miegħu impiegati u ilu jeżer-

ċita dina l-professjoni għal xi sena u nofs;

Li skond l-art. 5(a) tal-Kodiċi Kummerċjali huwa att ta' kummerċ kwalunkwe operazzjoni li wieħed jagħmel bi skop ta' qliegħ,anke jekk dana jiġi jew ma jiġix konsegwit. Għaldaqstant l-att għandu jiġi kunsidrat kummerċjali għall-konvenut, u indipendentement mill-kwalita ta' l-attur, li f'dana l-każ huwa wkoll kummerċjant; il-Qorti kompetenti, kwindi hija dik kummerċjali (art. 37(3) Kod. Civ.). Imbagħad il-liġi stess tiddefinixxi l-kummerċjant, li huwa dik il-persuna li bi "professjoni" jagħmel f'ismu attijiet tal-kummerċ. (art. 4 Kod. Kumm.) Il-fatt li l-liġi tagħna għad-differenza tal-liġi taljana ma tużax il-kelma "abitwali" wara "professjoni"; ma jfisserx li f'dana l-konċett huma kompriżi anki l-atti okkażjonali, imma tinkludi u hija intiża biex tfisser li l-att irid ikun durevoli, u tirrikjedi attwazzjoni ta' serje kontinwata ta' atti oħra. Dana jingħad fuq l-awtorita ta' Navarrini (Tratt. Teo, Prat, Dto. Comm. pag. 301, para. 223) li jgħallem li l-kelma "professjoni", anki weħedha hemm rakkjuż il-konċett ta' abitwalita; altrimenti għandu jiġi ripetut dak li qal Baldo (de constitu p. 8) "Una mercantia non facit mercatorem." Bolaffie Vivante jipprospettaw każ fejn kostituzzjoni ta' impriża, bħala att wieħed, tagħti l-kwalita ta' kommerċjant lill-imprenditur (Cod. di Comm. commento art. 8 p. 575).

Li l-konvenut Borg xehed mhux kontestat li huwa xtara l-effetti indikati fiċ-ċitazzjoni biex jisserva bihom għall-impriża ta' tibjid tal-flats ta' Simiana; xogħol li jidħol fil-professjoni tiegħu, li kien ilu jeżerċita abitwalment għal ċirka sena u nofs, u jispekula wkoll fuq il-mano d'opera ta' diversi impjegati li jaħdmu miegħu f'dana x-xogħol (Kollez. XXXV, 496);

Li, għalkemm, il-partiti tal-kont mhumiex direttament konessi max-xogħol tat-tibjid tal-konvenut Borg, eppure juru li l-istess konvenut kien jagħmel xogħlijiet ukoll ta' plumbing fil-kors tal-kuntratti li kien jieħu. Dana jkomp'i jirribadixxi l-konċett, ġa fuq espress, tal-atti positivi tal-kummerċ tal-konvenut Borg, meta kien jassumi u jeseg-wixxi impriża ta' tibjid ta' fond, kompriż ix-xogħol ta' plumbing, fonjatura, etc.

Li għalkemm l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ġiet sollevata mill-konvenut Borg biss, dina l-Qorti hija tenuta li tiddeċidiha ugwalment, avvolja l-konvenut l-ieħor Simiana akwieta ruħu għall-kompetenza ta' dina l-Qorti. Ir-raġuni ta' dina l-linja ta' kondotta tirrisiedi (1) fil-fatt li la darba dina l-Qorti ġiet a konjizzjoni tagħha, ma tistax aktar tinjoraha, billi l-art. 775 (b) tal-Proċ. Ċiv. jimponilha l-obbligu li tissollevaha "ex officio" u dana jingħad, anki a parti tal-konsiderazzjoni, li l-konvenut l-ieħor Simiana huwa notorjament kommerċjant; u (2) fil-konsiderazzjoni li meta domanda hija diretta kontra żewġ konvenuti l-atti tagħhom huma inseparabili għall-finijiet tal-azzjoni tal-attur; huwa wkoll inseparabili għall-finijiet tal-istess azzjoni, il-persuni ta' dawk il-konvenuti, ġa la darba l-attur ikun għażel li jazzjonahom it-tnejn; u għalhekk, f'każ simili għandha tkun kompetenti Qorti waħda biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni proposta mill-attur anki kieku, per ipotesi għall-konvenut l-ieħor Simiana, l-att ma huwiex kummerċjali, tibqa dejjem kompetenti dina l-aħħar Qorti, billi l-att tiegħu huwa kollegat ma' dak tal-konvenut Borg, li huwa kummerċjant (Kollez. XXXVI, III, 658);

Rat ir-rikors tal-attur tad-29 ta' Jannar 1964 li bih talab li dina l-Qorti tiddikjara liema Qorti hija kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni u tgħaddi biex taqta l-kawża pre-senti.

**Trattat l-appell:—**

**Ikkunsidrat:—**

Illi l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti ġiet sollevata mill-konvenut George Borg l-għaliex il-konvenut l-ieħor Anthony Simiana illimita ruħu biex jgħid li huwa ma kellu ebda rapport ġuridiku mal-instanti.

Illi di fronti għaż-żewġ konvenuti jikkonċerni kont wieħed u uniku tal-fornituri reklamati, li l-attur jippretendi li biegħ u kkonsinna lil-konvenuti.

Illi mid-deposizzjoni ġuramentata tal-eċċipjenti Borg jirriżulta li huwa fl-epoka tal-fornituri tal-materjal imsemmi fid-dokument A kien jieħu appalti ta' tibjid u jqabbad in-nies miegħu u jispekula fuq xogħol simili.

Illi dina l-azzjoni jew aħjar att tal-eċċipjenti Borg jikkostitwixxi oġġettivament att kummerċjali apparti l-fatt ukoll li dawn l-aħħar sena u nofs huwa soġġettivament kien qiegħed abitwalment jeżerċita dika s-sengħa b'fini spekulativ.

Illi għalkemm il-konvenut Simiana ma jirriżultax huwiex jew le kummerċjant jew għamilx jew le att tal-kummerċ, ir-rapport ġuridiku in diskussjoni di fronti għażżewġ konvenuti huwa uniku u kwindi ma jistax jiġi xiss b'mod li, kif qalet l-ewwel Qorti, l-azzjoni għall-kompetenza tagħha tiġi determinata mill-oġġettivita tal-azzjoni ta' minn "prima facie" ikun jidher li kkontratta.

Illi kwindi l-azzjoni "de qua" hija ta' kompetenza tattribunal speċjali tal-kummerċ.

Għalhekk:—

Tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża hija l-Qorti Kummerċjali u wara li tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti Ċivili li ddikjarat ruħha inkompetenti, tirrimetti l-atti lill-Qorti dikjarata fuq kompetenti, bl-ispejjeż tal-inċident għall-attur.